



Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13081/22

FIN 1022
CLIMA 479
ENV 947
AGRI 493
COH 94
TRANS 616

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ottubru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12696/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 9/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 - Mhuwix għoli daqskemm għe rrapportat - Konklużjonijiet tal-Kunsill (04.10.2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali 09/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 - Mhuwix għoli daqskemm għe rrapportat", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3898 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 - Mhuwix għoli daqskemm ġie rrapportat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 09/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
2. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
 - l-infiq irrapportat għall-perjodu 2014-2020 ma kienx dejjem rilevanti għall-azzjoni dwar il-klima u l-Kummissjoni stmat b'mod eċċessiv il-kontribuzzjoni għall-klima ta' komponenti ewlenin tal-baġit tal-UE b'mhux inqas minn EUR 72 biljun, li 80 % minnu kien minn finanzjament għall-agrikoltura; dan ifisser li madwar 13 % tal-baġit tal-UE għall-2014-2020 intefaq fuq azzjoni dwar il-klima minflok l-20.1 % li ġie rrapportat inizjalment mill-Kummissjoni;
 - ir-rapportar ġenerali dwar l-infiq fuq il-klima ma kienx affidabbli, prinċipalment minħabba limitazzjonijiet u applikazzjoni inkonsistenti tal-metodoloġija, jew minħabba rapportar tan-nefqa bbażata biss fuq ammonti ppjanati jew impenjati;
 - huwa mistenni titjib limitat fir-rigward tar-rapportar dwar il-klima għall-2021-2027, għall-programmi kemm taħt il-baġit tal-UE kif ukoll taħt in-NextGenerationEU (NGEU);
3. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u diġà qed tieħu miżuri biex tissimplifika approċċi differenti ta' monitoraġġ, tiżgura traċċar konsistenti, u tindirizza għadd ta' nuqqasijiet identifikati, b'mod partikolari f'termini ta' koeffiċjenti għall-klima;

4. B'MOD ĠENERALI JAQBEL mat-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li l-metodoloġija u r-rapportar tal-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jibqgħu approssimazzjoni; madankollu, JENFASIZZA l-importanza ta' metodoloġija tal-UE għat-traċċar tal-azzjoni klimatika li tkun solida, affidabbli, ikkomunikata b'mod ċar u bbażata fuq evidenza xjentifika, filwaqt li jsir rendikont tal-aħjar prattiki fil-livelli nazzjonali u lokali;
5. IFAKKAR f'dan ir-rigward fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020, li jiddikjaraw li l-programmi u l-istrumenti għandhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet dwar il-klima u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' mhux inqas minn 30 % tal-ammont totali tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni u tan-NGEU b'appoġġ għall-oġġettivi klimatiċi abbażi ta' metodoloġija effettiva għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima u l-prestazzjoni tiegħu, u JTENNI li n-nefqa tal-UE għandha tkun konsistenti mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi f'konformità mal-paragrafi A21 u 18 tal-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.
6. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi metodoloġija effettiva għat-traċċar tal-azzjoni klimatika li tinkludi konsultazzjoni annwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mill-Kummissjoni, u li ser tidentifika l-miżuri rilevanti li għandhom jittieħdu f'każ ta' progress insuffiċjenti lejn il-kisba tal-miri applikabbli.
7. JEMMEN li l-metodoloġija għall-perjodu 2021-2027 tirrappreżenta titjib meta mqabbla mal-metodoloġija użata għall-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari l-enfasi fuq approċċ ibbażat fuq l-effetti;
8. IQIS ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:
 - tiżviluppa aktar il-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima li tkun sempliċi, ibbażata fuq l-effetti, kapaċi tkejjel l-impatt, ibbażata fuq evidenza xjentifika, u li tiggarantixxi konsistenza għar-rapportar dwar il-klima fid-diversi programmi, mingħajr ma toħloq piż amministrattiv żejjed;

- tkompli ttejjeb l-effiċjenza tar-rapportar dwar il-klima fil-baġit kollu tal-UE u tipprovdi gwida xierqa jekk dan ikun meqjus bħala meħtieġ;
 - ittejjeb ir-rapportar annwali tagħha dwar il-klima biex tieħu kont ukoll kemm tal-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament, kif ukoll l-ammonti mhux użati (mhux minfuqa u diżimpenjati);
 - tkompli d-diskussjonijiet u l-koordinazzjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex jirfinaw il-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima, b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, u tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell Ewropew.
-